**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 871/2015/2**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Kris Farrugia**

Illum is-sebgħa (7) ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Kris Farrugia**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 538093(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli bħala uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bħala impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, f'dawn il-Gżejjer, bejn ix-xhur ta' Frar 2015 u Awwissu 2015, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalih huwa ma kellux jedd, li barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;

2. in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalih huwa ma kellux jedd, għall-fatt biss li jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta sabiex l-uffiċċjal, jew impjegat jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;

3. in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalih huwa ma kellux jedd, sabiex l-uffiċċjal jew impjegat jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;

4. irċieva jew aċċetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jeżerċita xi influwenza mhux xierqa bħalma hemm imsemmi f'Artikolu 121A subartikolu (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. sew jekk kellu, kemm jekk ma kellux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiġa dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi, u liema eżazzjoni kontra l-liġi saret b'abbuż ta' awtorita';

6. irrenda ruħu kompliċi fl-għoti ta' dikjarazzjonijiet foloz jew tagħrif falz lil awtorita' pubblika a tenur ta' Artikoli 42 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tapplika l-provvedimenti ta' Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-31 ta' Jannar 2022 fejn il-Qorti, filwaqt li (fuq nuqqas ta' provi) illiberat lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha għajr għat-tielet (3) imputazzjoni, wara li rat Artikoli 18 u 115(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tat-tielet (3) imputazzjoni biss u b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannatu għal sentejn (2) priġunerija li ġew sospiżi għal erba' (4) snin. *Ai termini* ta' Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kkundannat ukoll lill-imputat għall-piena ta' interdizzjoni ġenerali temporanja għal żmien tliet (3) snin dekorribbli mid-data tas-sentenza. Finalment, l-Ewwel Qorti spjegat fi kliem sempliċi lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk l-ordni ma tiġix obduta.

Rat ir-Rikors tal-appell ta' Kris Farrugia ppreżentat fis-17 ta' Frar 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tirriforma s-sentenza appellata kif ġej: (a)* ***tikkonfermaha*** *fil-parti fejn huwa ġie dikjarat mhux ħati u minnha lliberatu ċjoè l-ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba' (4), il-ħames (5), u s-sitt (6) imputazzjonijiet; (b)* ***tħassarha u tirrevokaha*** *fil-parti fejn sabitu ħati ċjoè t-tielet (3) imputazzjoni u tiddikjarah mhux ħati u konsegwentement tilliberah kompletament skont il-liġi;* ***alternattivament u mingħajr preġudizzju****, f'każ li dan l-appell ma jintlaħaqx, jogħġobha tħassarha fil-parti tal-piena billi minflok tiġi imposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat ir-Rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali ppreżentat fit-22 ta' Frar 2022 fejn filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti talab lil din il-Qorti sabiex: *"1.* ***TIDDIKJARA*** *tali*

*sentenza nulla u tipproċedi sabiex tiddisponi minn dan il-każ skont il-liġi 2. Jew alternattivament, f'każ li din il-Qorti ma tilqax l-ewwel u t-tieni aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza, tirriforma s-sentenza appellata billi* ***TIKKONFERMAHA*** *f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellat fit-tielet imputazzjoni, u* ***TĦASSAR U TIRREVOKA*** *s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat Kris Farrugia ħati tar-raba' u s-sitt imputazzjoni."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat illi mis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-31 ta' Jannar 2022 ġie pprezentat appell kemm mill-Avukat Ġenerali u kif ukoll minn Kris Farrugia b'dan illi din is-sentenza hija dwar l-aggravji tal-appellant Avukat Ġenerali li għadhom mhux deċiżi u hija għal din ir-raġuni li f'din is-sentenza Kris Farrugia ser jiġi riferut bħala l-appellat mentri l-Avukat Ġenerali bħala l-appellant.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat Kris Farrugia eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2022 (*a fol.* 479), l-appellant Avukat Ġenerali rtira l-ewwel aggravju tiegħu.

Rat illi, fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2023, din il-Qorti tat sentenza preliminari dwar it-tieni aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali liema aggravju ġie miċħud.

Rat illi, fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2023, l-Appell Numru 871/2015/1 u ċioè l-appell imressaq minn Kris Farrugia ġie rtirat u għaldaqstant din il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar l-aggravji tal-appellant Avukat Ġenerali li għadhom mhux deċiżi u ċioè it-tielet u r-raba aggravju hekk kif kontenuti fir-Rikors tal-appell tiegħu.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jduru madwar allegazzjoni li l-appellat Kris Farrugia rċieva somom ta' flus sabiex jipproċessa applikazzjonijiet għal permessi ta' residenza magħmula minn persuni li ġejjin minn pajjiżi terzi. Fuq skorta tal-investigazzjoni magħmula mill-Pulizija, fost persuni oħra, ġie arrestat Kris Farrugia. Jingħad li dak li kien qed jiġri kien li ċertu dokumenti li kellhom jiġu annessi mal-applikazzjonijiet kienu qed jiġu falsifikati.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali jirrigwarda s-sitt (6) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellat. L-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tillibera lill-appellat mill-imsemmija imputazzjoni. Huwa jisħaq li mill-atti proċesswali hemm testimonjanza ta' diversi xhieda li kkonfermaw taħt ġurament li l-appellat kien fil-fatt qed jgħaddi dokumenti falsifikati sabiex jiġu pproċessati. F'dan ir-rigward issir referenza għax-xiehda ta' Maria Bartolo, Rafaella Sikali Mallia u Ryan Spagnol. L-appellant jgħid li x-xiehda ta' dawn il-persuni hija aktar b'saħħitha milli kieku ppreżentaw mitejn (200) applikazzjoni falza.

Illi din il-Qorti tinnota li l-imputazzjoni li dwarha ġie mressaq l-aggravju in eżami hija dik li l-appellat irrenda ruħu kompliċi fl-għoti ta' dikjarazzjonijiet foloz jew tagħrif falz lil awtorita' pubblika a tenur ta' Artikoli 42 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti qalet li ma tressqet l-ebda prova li kien hemm xi dikjarazzjonijiet foloz fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet u li għalhekk minħabba li l-imputazzjoni ta' kompliċita' kienet marbuta ma' dikjarazzjonijiet foloz hija għaddiet sabiex tillibera lill-appellat allura imputat mill-imputazzjoni in kwistjoni.

Illi din il-Qorti tibda billi tirreferi għal argument imressaq mill-Avukat Ġenerali fejn jirreferi għax-xhieda l-oħra li allegatament rabtu lill-appellat mar-reat ta' kompliċita' fl-għoti ta' dikjarazzjonijiet foloz.

Illi Artikolu 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi s-segwenti:

> "Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:
>
> Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbilta' ta' xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla."

Illi l-appellat huwa mixli b'kompliċita' tar-reat imsemmi. Ir-rwol addebitat lill-appellat kien dak ta' kompliċita' fiżika. F'dan ir-rigward, fin-Noti tiegħu Notes on Criminal Law (First Year) il-Professur Sir Anthony Mamo jgħid jekk:

> "The forms of complicity which we have considered consist in words or acts which create or encourage another person's intention and determination to commit an offence. They are referable to the moral or formal element of crime. Those other forms of complicity which we will now consider consist in the performance of physical acts which materially assist in, or facilitate, the perpetration or execution or completion of the offence and are referable to its physical or material element.
>
> The essential conditions common to those forms of complicity by physical participation are:-

(a) that the accomplice should be conscious of the offence contemplated by the principal and have the intention of assisting him in committing it;

(b) that the accomplice should have done some act in furtherance of the criminal design which he shares with the principal;

(c) that the act of the accomplice should have in fact helped in the commission of the offence.

Now, according to our law, a person may become an accomplice in the way, either:-

i. by procuring the weapons, instruments or other means <u>of which use has been made</u> in the commission of the offence, knowing that they were to be so used; or

ii. by <u>knowingly</u> aiding or assisting in any manner the principal or principals <u>in the acts</u> of preparation or commission of the offences."

Illi sabiex l-appellat Kris Farrugia jinsab ħati ta' komplicita' fir-reat in kwistjoni jrid jiġi ppruvat li huwa xjentement għen sabiex jitwettaq. Din il-Qorti fliet bir-reqqa x-xiehda li hemm fl-atti proċesswali u l-unika prova li kien hemm ir-reat protestat tinsab fix-xiehda mogħtija fit-30 ta' Mejju 2016 minn Ashour Sami (*a fol.* 212 *et seq.*). Iżda din ix-xiehda ma hijiex marbuta ma' xi avveniment jew ma' xi istanza fejn huwa nvolut l-appellat Farrugia. Tabilħaqq kien l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tipprova li l-appellat kien kompliċi fir-reat kontemplat taħt Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mix-xiehda ndikata mill-Avukat Ġenerali u b'mod partikolari mix-xiehda mogħtija fis-17 ta' Novembru 2015 minn Maria Bartolo (*a fol.* 19 *et seq.*) jirriżulta li r-rwol tagħhom kien dak li japprovaw l-applikazzjonijiet wara li jagħtu l-approvazzjoni l-Pulizija. Hija

ssemmi li l-appellat kien jagħtiha xi flus biex tipproċessa xi applikazzjonijiet. Aktar 'il quddiem issemmi li xi applikazzjonijiet kienu ħżiena iżda tgħid li dawn kienu jiġu vverifikati minn persuni oħra u li x-xogħol tagħha kien biss li tirreġistra dawn il-permessi. Għandu jingħad li l-imsemmija Bartolo tonqos milli torbot lill-appellat mal-ipproċessar ta' applikazzjonijiet foloz. Hija ssemmi li kien imdaħħal fiċ-ċirku iżda qatt ma ssemmi li l-appellat ipproċessa applikazzjoni falza. Din il-Qorti tinnota wkoll li meta Bartolo reġgħet xehdet fis-seduta tal-20 ta' Lulju 2020 (*a fol.* 331 *et seq.*) hija spjegat li l-ħlas *extra* kienet tirċevih sabiex tgħaġġel il-proċess. Din il-Qorti ma sabitx riferenza li x-xhud kienet titħallas sabiex tgħaddi applikazzjonijiet ħżiena.

Illi fir-rigward tax-xiehda mogħtija fis-17 ta' Novembru 2015 minn Raffaela Sikali Mallia (*a fol.* 26 *et seq.*) hija tgħid li l-*files* li ħadmet fuqhom hija kellhom l-*approvals* kollha neċessarji u għalhekk l-*approval* tagħha kien kważi formalita'. Anke meta ssemmi problemi fl-applikazzjonijiet, hija ma tindikax xi ħaġa ħażina li rat hija iżda tispjega dak li qalilha l-appellat Farrugia dwar l-allegata falsita' f'xi dokumenti. Fil-fatt mix-xiehda mogħtija mix-xhud imsemmija, l-aktar li wieħed jista' jestrapola huwa li x'aktarx hija ipproċessat formoli ħżiena. Hija ma tgħidx li l-appellat talabha tapprovahom iżda li talabha sabiex tipproċessahom. Tant hu hekk li hija tgħid li pproċessat l-applikazzjonijiet għax kien fihom ir-rekwiżiti kollha. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan mhux biżżejjed sabiex tinstab ħtija taħt is-sitt (6) imputazzjoni.

Illi din il-Qorti ssib li l-verżjonijiet mogħtija mix-xhieda msemmija huma wisq superfiċjali u ma humiex korroborati b'xi dokumentazzjoni sabiex din il-Qorti tkun tista' tqis li l-Prosekuzzjoni laħqet il-livell ta' prova neċessarju f'każ bħal dan.

Illi anke mix-xiehda mogħtija fil-25 ta' Jannar 2016 minn Ryan Spagnol (*a fol.* 47 *et seq.*) huwa jsemmi li kien hemm bejn mija u ħamsin (150) u mitejn (200) applikazzjoni suspettuża imma ma jorbotx dawn l-applikazzjonijiet mal-appellat.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti kien ikun għaqli ferm għal Prosekuzzjoni kieku tal-anqas ippruvat li l-appellat kien ipproċessa wħud minn dawn il-mija u ħamsin (150) jew mitejn (200) applikazzjoni. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-21 ta' Frar 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Kenneth Gauci et** (Numru 373/2007) fejn il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi pero', minkejja li nġabu dawn il-provi kollha u minkejja li ovvjament biex l-appellanti ġew irreġistrati bħala *unemployed* u bdew jirċievu l-benefiċċji soċjali relattivi, x'aktarx li huma kienu mlew xi formola jew applikazzjoni bid-dettalji u s-sitwazzjoni tagħhom, tali dokument jew dokumenti ma ġew qatt esebiti fil-proċess u għalhekk ma saritx l-aqwa prova li huma **f'xi dokument** maħsub għal xi awtorita' pubblika, għamlu xjentement dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw tagħrif falz, kif jiddisponi l-Artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali, għall-fini tat-tieni imputazzjoni. F'sede kriminali wieħed ma jistax jassumi ebda prova u skont l-Artikolu 638 (1) tal-Kodiċi Kriminali, *"Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti .."*. F'dan il-każ biex issir din l-aħjar prova, kien meħtieġ li jiġu esibiti xi formoli jew applikazzjonijiet mimlija u/jew iffirmati miż-żewġ appellanti fejn ikun hemm id-dikjarazzjoni li huma mhux qed jaħdmu bi qligħ jew xi informazzjoni simili. Ġjaladarba din il-prova hija nieqsa ma jirriżultax li huma għamlu xi stqarrija falza f'xi dokument u dan hu element essenzjali biex jissussisti r-reat kontemplat fl-art. 188."

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ikkwotat b'dan illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-ħtija tal-appellat Farrugia fir-rigward tas-sitt (6) imputazzjoni sal-grad rikjest mil-liġi u b'hekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ma sabitx lill-appellat ħati tagħha. Għaldaqstant it-tielet aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-raba' aggravju tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jilmenta dwar il-piena u jgħid li jekk l-appellat kien jinstab ħati tar-raba' (4) u tas-sitt (6) imputazzjoni, il-piena ta' priġunerija kienet tkun aktar minn sentejn u li għalhekk skont Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena tal-interdizzjoni ma kinitx tkun waħda ġenerali temporanja iżda kienet tkun waħda ġenerali perpetwa.

Illi meħud in konsiderazzjoni tal-fatt li t-tielet aggravju ġie miċħud, b'hekk din il-Qorti ma tarax li hemm lok sabiex b'xi mod jew ieħor tilqa' l-aggravju in eżami u għaldaqstant ir-raba' aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-aggravji tal-appellant Avukat Ġenerali li kienu għadhom mhux deċiżi u b'hekk tiċħad l-appell imressaq mill-imsemmi Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dana illi t-termini msemmija fis-sentenza appellata jibdew jgħaddu millum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**